MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI RIMANDANTI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Numru. 770/2011

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Sandro Zarb)**

**Vs**

**Aleksei Kostin**

Il-Qorti,

Rat il-Mandat ta’ Arrest Ewropew anness mahrug mill-awtoritajiet gudizzjarji tal-Estonja kontra ALEKSEI KOSTIN maghruf minn issa l-quddiem bhala “l-estradant” minn fejn jirrizulta illi dan hu mfittex mill-istess awtoritajiet ta’ pajjiz skedat u dan sabiex jiskonta piena inflitta, wara pattegament, dwar reati ta’ serq bi vjolenza.

Rat it-talba maghmula mill-istess estradant kif rizultanti mill-verbal tas-seduta tad-19 ta’ Lulju 2011 u minn fejn jidher illi l-estradant talab li ssir referenza lill-Qorti Kostituzzjonali “minhabba l-fatt illi l-kondizzjonijiet tad-detenuti f’habsijiet (tal-Estonja) jistghu jinvolu trattament inuman u degradanti fil-konfront tal-estradant u dan in vjolazzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea kif saret parti tal-ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta”.

Rat id-dokumenti ezebiti mill-estradant, hawn annessi, in sostenn ta’ din it-talba.

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat
Illi l-estradant, in sostenn tat-talba in ezami u kif digja inghad, ezebixxa diversi dokumenti konsistenti f’sentenza moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani fit-8 ta’ Novembru 2005 fl-ismijiet “Alver ve Estonia”, annessa, anke in sintesi kif ukoll diversi rapporti, anke tal-Kunsill tal-Ewropa dwar is-sitwazzjoni ta’ detenuti fil-habsijiet tal-pajjiz skedat li qed jitlob l-estradizzjoni tal-istess estradant wara li dan instab hati tad-delitt specifikat fil-mandat in ezami u kien sar pattegament dwar il-piena inflitta fuqu.

Ikkunsidrat
Illi, ovjament din il-Qorti ma hiex kompententi li tiddeciedi dwar dak allegat u sostnut mill-estradant izda trid tara jekk it-talba in ezami tinvolviex kwistjoni li ghandha tigi konsiderata bhala frivola jew vessatorja.

Ikkunsidrat
Illi din il-Qorti analizzat bir-reqqa, b’mod specjali l-imsemmija sentenza kif ukoll ir-rapport maghmul mill-“European Committee for the prevention of Torture and Inhuman and Degrading Treatment or Punishment” ta’ Mejju 2007. L-istess Qorti hi tal-fehma illi, avolja ghadda certu perjodu u zmien mid-data tal-imsemmija sentenza u rapport, is-sitwazzjoni fil-habsijiet tal-pajjiz skedat, fil-present, tista’ tkun tali li l-kondizzjonijiet vigenti jistghu jivvjolaw l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Konsegwentement

f'dan il-kaz, hu opportun u rakkomandabbli li t-talba in ezami tigi akkolta u ssir ir-referenza kif mitluba.

Ikkunsidrat

Illi, pero', hu minnu ukoll li din il-Qorti hi marbuta b'terminu ghall-konkluzjoni ta' dawn il-proceduri u ghalhekk trid tara jekk tistax tissospendi d-dikorrenza ta' dan it-terminu sakemm jigu konkluzi finalment il-proceduri mill-lat kostituzzjonali. Dwar dan il-kwesit, tenut kont li din il-Qorti ghandha s-setghat fejn applikabbli, ta' Qorti Struttorja, ir-rispsota ghal dan il-kwesit ghandha tkun fil-posittiv u ghalhekk ser tissospendi id-dekorrenza tal-imsemmi terminu sakemm tigi, ufficjalment, informata li l-proceduri kostituzzjonali gew konkluzi finalment. Dwar l-istess punt il-Qorti trid tenfasizza illi l-kwistjoni li tqajjmet Quddiemha tista' tinfluwixxi direttament fuq l-esitu ta' dawn il-proceduri ta' estradizzjoni meta l-Qorti Rimandanti tiehu id-decizjoni finali Taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba in ezami u waqt li l-istess Qorti taghmel referenza ghal dak kollu premess dwar il-fatti, kif hawn fuq sintetizzati, specjalment id-dokumenti ezebiti u msemmija in konnessjoni mal-kwistjoni li tqajjmet mill-estradant;

a) Tindika l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni msemmija kif inkorporata fil-Ligi Maltija permezz tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta bhala dak li allegatament jista' jinkiser f'kaz li din il-Qorti Tordna l-estradizzjoni tal-estradant.

b) Tordna li l-atti kollha ta' dan il-kaz jinbaghtu lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex jingiebu quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sedi Kostituzzjonali) ghad-decizjoni Taghha dwar il-kwistjoni u fatti kif hawn fuq esposti.

c) Tordna lill-istess Registratur sabiex jgib a konjizzjoni minnufih id-decizjoni finali dwar din il-kwistjoni u dan minhabba id-dekorrenza tat-terminu tal-proceduri ta' estradizzjoni li minn issa stess qed jigi sospiz.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------